# Kodiċi tal-Kondotta għall-Bejjiegħa ta' IHG

## English

This IHG Vendor Code of Conduct sets out the requirements, principles and practices that IHG has adopted to promote ethical conduct in the workplace, safe working conditions in the supply chain, treatment of persons with respect and dignity, and environmentally responsible practices. These are the minimum standards under which IHG vendors are expected to operate, and IHG encourages vendors to exceed the requirements set out below.

### Vendor declares herewith:

### Compliance with Laws and Regulations

- to comply with the laws of the applicable countries in which it operates as well as international laws related to the conduct of business.

### Labour and Human Rights

- to support the protection of human rights, particularly those of its employees, the parties with whom it conducts business and the communities where it operates
- to respect its employees' rights to voluntary freedom of association under the law
- to provide a safe and healthy working environment
- to not support forced and compulsory labour or the exploitation of children
- to support the elimination of employment discrimination and harassment, and promote diversity in the workplace
- to provide employees with remuneration and tools for growing their careers, and take their wellbeing into consideration.

### Environmental Protection

- to implement sound environmental practices in the design, development and operation of its business and provide the training and resources required to implement such practices
- to encourage the development and integration of sustainable technologies and to endeavour to reduce the use of energy and water, and re-use and recycle the resources consumed by its business wherever practical
- to engage its customers, colleagues, partners, suppliers and contractors in its efforts to protect the environment
- to monitor, record and benchmark environmental performance on a regular basis.

### Business Integrity

- to tolerate no form of and not to engage in any form of corruption or bribery, including any payment or other form of benefit conferred on any government official for the purpose of influencing decision making in violation of law
- to safeguard from disclosure IHG's confidential and proprietary information as well as its employee and customer privacy and personal information
- to avoid business activity that would conflict or interfere with the provision of products and services to IHG
- to accurately record and disclose information regarding business activities, structure, and financial situation and performance in accordance with applicable laws, regulations and industry practices.

## Maltese

Dan il-Kodiċi tal-Kondotta għall-Bejjiegħa ta' IHG jistabbilixxi r-rekwiżiti, il-prinċipji u l-prattiki li IHG adottat biex tippromwovi l-imġiba etika fuq il-post tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol siguri fil-katina ta' provvista, trattament tal-persuni b'rispett u dinjità, u prattiki ambjentalment responsabbli. Dawn huma l-istandards minimi li bihom huma mistennija joperaw il-bejjiegħa ta' IHG, u IHG tinkoraġġixxi lill-bejjiegħa biex imorru lil hinn mir-rekwiżiti stabbiliti hawn taħt.

### Għalhekk il-bejjiegħa jiddikjaraw:

### Konformità mal-Liġijiet u r-Regolamenti

- li jkunu konformi mal-liġijiet tal-pajjiżi applikabbli li joperaw fihom kif ukoll il-liġijiet internazzjonali relatati mal-imġiba kummerċjali.

### Xogħol u Drittijiet tal-Bniedem

- li jappoġġjaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikulari dawk tal-impjegati tagħhom, il-partijiet ma' min jagħmlu n-negozju u l-komunitajiet fejn joperaw
- li jirrispettaw id-drittijiet tal-impjegati tagħhom għal-libertà volontarja ta' assoċjazzjoni skont il-liġi
- li jipprovdu ambjent tax-xogħol sigur u ħieles mill-periklu
- li ma jappoġġjawx xogħol forzat u obbligatorju jew l-isfruttament tat-tfal
- li jappoġġjaw l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni u l-fastidju fuq ix-xogħol, u jippromwovu d-diversità fuq il-post tax-xogħol
- li jipprovdu lill-impjegati b'rimunerazzjoni u għodda biex ikabbru l-karrieri tagħhom, u li jikkunsidraw dejjem il-benesseri tagħhom.

### Protezzjoni Ambjentali

- li jimplimentaw prattiki ambjentali sodi fid-disinjar, l-iżvilupp u l-operat tan-negozju tagħhom u li jipprovdu t-taħriġ u r-riżorsi meħtieġa biex dawn il-prattiki jiġu implimentati
- li jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-integrazzjoni ta' teknoloġiji sostenibbli u li jaħdmu biex inaqqsu l-użu tal-enerġija u l-ilma, u jerġgħu jużaw u jirriċiklaw ir-riżorsi kkunsmati min-negozju tagħhom kull fejn dan ikun prattiku
- li jimpenjaw lill-klijenti tagħhom, il-kollegi, l-imsieħba, il-fornituri u l-kuntratturi fl-isforzi tagħhom biex jipproteġu l-ambjent
- li jimmonitorjaw, jirreġistraw u jistandardizzaw il-prestazzjoni ambjentali fuq bażi regolari.

### Integrità Kummerċjali

- li ma jittolleraw u ma jwettqu l-ebda forma ta' korruzzjoni jew tixħim, inkluż kwalunkwe ħlas jew forma oħra ta' benefiċċju mogħti lil kwalunkwe uffiċjal tal-gvern għall-finijiet tal-influwenzar tat-teħid tad-deċiżjonijiet bi ksur tal-liġi
- li jissalvagwardjaw milli tiġi żvelata informazzjoni kunfidenzjali u riżervata ta' IHG kif ukoll l-informazzjoni privata u personali tal-impjegati u l-klijenti tagħhom
- li jevitaw l-attività kummerċjali li tkun f'konflitt ma', jew tinterferixxi fil-provvista tal-prodotti u s-servizzi lil IHG
- li jirreġistraw bi preċiżjoni u jiżvelaw l-informazzjoni rigward l-attivitajiet kummerċjali, l-istruttura, u s-sitwazzjoni u l-prestazzjoni finanzjarja skont il-liġijiet applikabbli, ir-regolamenti u l-prattiki industrijali.

© InterContinental Hotels Group PLC 2018

## Supply Chain

- to use reasonable efforts to ensure that vendors, subcontractors and suppliers also operate in a manner consistent with the IHG Vendor Code of Conduct.

Note that this document is not intended to create new or additional third party rights or obligations in favour of third parties, including any rights of, or obligations to, employees of the vendor. It supplements, but does not supersede, any rights maintained by IHG under any contract or agreement with any vendor.

IHG reserves the right to reasonably update, alter or change the requirements of the IHG Vendor Code of Conduct. In such an event, IHG expects the vendor to accept such changes and act accordingly.

## Katina ta' Provvista

- li jagħmlu sforzi raġonevoli biex jiżguraw li l-bejjiegħa, is-sottokuntratturi u l-fornituri joperaw ukoll b'mod konsistenti mal-Kodiċi tal-Kondotta għall-Bejjiegħa ta' IHG.

Innota li dan id-dokument m'għandux l-intenzjoni li joħloq drittijiet jew obbligi ġodda jew addizzjonali għall-partijiet terzi favur partijiet terzi, inkluż kwalunkwe drittijiet jew obbligi għall-impjegati tal-bejjiegħ. Dan id-dokument jissupplimenta, imma ma jiħux post, kwalunkwe drittijiet miżmuma minn IHG skont kwalunkwe kuntratt jew ftehim ma' kwalunkwe bejjiegħ.

IHG tirriżerva d-dritt li taġġorna jew tibdel b'mod raġonevoli r-rekwiżiti tal-Kodiċi tal-Kondotta għall-Bejjiegħa ta' IHG. F'dan il-każ, IHG tistenna li l-bejjiegħa jaċċettaw dan it-tibdil u jaġixxu skont dan.

© InterContinental Hotels Group PLC 2018